## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
Il-Ħadd 5 u 19 ta' Jannar 2003 fit-3.00p.m.
Il-Ħadd 2 u 16 ta' Frar 2003 fit-3.30p.m.
Il-Ħadd 2 u 16 ta' Marzu 2003 fl-4.00p.m.
Il-Ħadd 6 u 20 ta' Aril 2003 fil-5.30p.m.
Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud kif ukoll domni u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: http://www.ourladyofconsecration.com

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 53 JANNAR 2003 JITQASSAM BLA ĦLAS



**Il-Kumitat Moviment Madonna Tal-Konsagrazzjoni jawgura l-isbaħ xewqat għas-sena 2003 lill-Membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, il-Maltin, l-Għawdxin u l-proxxmu kollu. Jalla f'Malta u d-dinja ssaltan il-vera paci tal-Mulej**

## IL-MISSJONI INTERNAZZJONALI TA' ĠUŻA

### (L-ewwel parti)

Ġuża Mifsud qalet kemm-il darba li aħna m'għandniex inkunu egoisti fit-talb tagħna, imma li għandna nitolbu għal kulħadd għaliex aħna lkoll aħwa fi Kristu. Filfatt waqt id-diskorsi tagħha u waqt it-talb tagħha Ġuża spiss kienet issemmi xi mexxejja ta' ġnus barranin u kienet tikkundanna l-gwerer u l-qtil u l-moħqrija ta' nies innoċenti.

Fil-laqgħa ta' Marzu 1988, Ġuża qalet, "Nhar il-Ġimgħa 5 tax-xahar ta' Frar 1988, l-Madonna ġabitli ħafna ispirazzjonijiet mis-sema u qaltli, 'Binti, jiena naf illi dawn huma affarijiet ibsin ħafna u ħafna għalik... Nixtieqek li tkun tista' tagħmel bħal profeta li Kristu qabbdu jmur jagħti xi aħbar li ġej kastig kbir fid-dinja, għax dawn il-ftit irġiel li huma ħafna b'nuqqas ta' għaqal... dawn il-Presidenti ta' barra li jgħidu li ħa jingħaqdu, li jgħidu li ħa jnaqqsu, mhux jingħaqdu u jnaqqsu għandhom bżonn imma jneħħu l-armamenti kollha...

Binti, biex inkun nista' nfehmek, dawna l-ftit irġiel mingħajr għaqal li jagħmluha ta' Presidenti kbar... li ma jridux inaqqsu ħalli jkun hawn il-paċi, u l-paċi ma tasal qatt. Dawk il-flus kollha qegħdin jaħarquhom, jagħmluhom irmied ma' dak l-istess irmied ta' dawk l-iġsma li jaħarqu... qegħdin jaħqru msieken ħafna nies innoċenti, ħafna nies mingħajr ħtija, ħafna nies illi ma kienu jaħtu xejn u jaqgħu vittma tal-mewt u jidħru quddiem Alla. Għalhekk għandkom ħafna titolbu għalihom dawn l-erwieħ speċjalment li qegħdin jagħmlu dawn il-gwerer ċivili ta' bejnietkom, ma jistgħux jaħasra jsibu tarf... Ħalaq tant dinja sabiħa l-Mulej u qegħdin iħarbtuha u jaħarquha...

Intom ta' rieda tajba li qegħdin fl-art żgħira tagħkom ta' Malta u Għawdex, itolbu ħafna għal dawn in-nies biex Alla jismagħhom u huma jisimgħuh lil Alla. Dawn in-nies qerrieda qegħdin jibgħatu dawn in-nies vittmi tal-mewt mingħajr ma jkun għadu wasal iż-żmien li jmutu... Iżda bħal dawk illi huma qegħdin jagħmlu vittmi tal-mewt, huma ħa jaqgħu vittmi tal-mewt, tal-korruzzjoni tagħhom u tas-saħta li qegħdin iġibu fid-dinja permezz ta' dawn il-gwerer..."

F'dik l-istess sena, jiġifieri fl-1988, Ġuża bagħtet ittri b'messaġġ ta' paċi lil diversi Presidenti u kapijiet ta' stati barranin. Lill-President Reagan, lill-President Gorbachev u lill-Prim Ministru Thatcher kitbitilhom hekk:

"Jiena qegħda niktiblek din l-ittra fuq ix-xewqa tal-Madonna taħt it-titular tal-Konsagrazzjoni. F'messaġġ li tatni fil-lejl ta' Ħamis ix-Xirka hija qaltli sabiex nibgħat ittra, li biha nikkundanna l-gwerra, kemm lil dawk il-pajjiżi li jinsabu fi gwerra kif ukoll lil dawk li jistgħu jgħinu biex dawn il-gwerer jispiċċaw.

Il-Madonna qaltli biex ngħidlek li hija qegħda tgħinek ħafna sabiex inti tkompli taħdem għall-paċi fid-dinja. Agħmel il-kuraġġ u kompli agħti s-sehem tiegħek biex jiżdiedu t-trattati li jnaqqsu l-missili.

Il-Madonna la trid mibegħda, la trid gwerer u lanqas ċarċir ta' demm. Hija qaltli, 'Lili qegħdin iċċekknuli ħafna qalbi b'dawk l-erwieħ innoċenti li tilgħin quddiem il-Mulej wara li jingħataw mewt hekk kiefra. Il-ġustizzja t'Alla ma' dawn in-nies li qegħdin joqtlu u jkasbru lil ħuthom ser tkun tqila għax il-Mulej ħalaq ġenna ta' l-art u huma qegħdin ifarrkuha.' Għalhekk qaltli biex ngħidlek



biex tindaħal bejn dawk il-pajjiżi li jinsabu fi gwerra sabiex terġa' ssaltan il-paċi. Mill-gwerra u mit-tifrik ħadd ma jieħu xejn iżda kulħadd huwa tellief.

Nerġa' ntennilek biex tkompli taħdem għal paċi fid-dinja u l-Madonna tbierek lilek, lill-familja tiegħek u lil artek. Fil-messaġġi tagħha l-Madonna dejjem tisħaq fuq il-paċi u jiena għandi nippriedka l-evanġelju u l-paċi. Filfatt hija qaltli biex ħdejn it-titular tagħha Madonna tal-Konsagrazzjoni nniżżel ukoll il-Madonna tal-Paċi, jiġifieri l-Madonna tal-Konsagrazzjoni u tal-Paċi u li tkun magħrufa b'dan it-titular mad-dinja kollha."

Ittri oħra ntbagħtu lill-Prim Ministru ta' Israel Shamir, lil Ayotallah Khomeini ta' l-Iran, Saddam Hussein ta' l-Iraq, il-Kurunell Mengistu Haile Mariam ta' l-Ethiopia u lil Jose Napoleon Duarte ta' El Salvador.

L-ittra lill-Prim Ministru ta' Israel Shamir, kienet tgħid hekk:

Għażiż ħija fi Kristu Shamir,

Jiena jisgħobbini ħafna b'dak id-diskors li qaltli l-għażiża Ommi Marija tal-Konsagrazzjoni fil-lejl ta' Ħamis ix-Xirka, il-ħin kien is-1.11a.m.

Dina l-Omm imnikkta li rajtha tissieħeb ma' binha Ġesù mat-toroq tal-Passjoni qaltli, 'Binti, agħmel il-kuraġġ u uri ruħek lill-Prim Ministru Shamir. F'dak il-pajjiż ta' Israel li Ġesù tant għamel magħhom fil-ħajja ta' tbatija u anka qawwilhom ħafna qalbhom bil-kuraġġ biex jafdaw ħafna f'Alla, dawn in-nies minflok li taw is-sentimenti tagħhom, il-qalb tagħhom, spikkat f'qalbhom din il-mibegħda għall-istess ħuthom ħajjin, meta Alla tant ħabb lil din l-art ta' Israel. Lili qegħdin iċċekknuli ħafna qalbi b'dawk l-erwieħ innoċenti li telgħin quddiem il-Mulej wara li jingħataw mewt hekk kiefra. Il-ġustizzja t'Alla ma' dawn in-nies ser tkun tqila għax il-Mulej ħalaq ġenna ta' l-art u huma qegħdin ifarrkuha.'

Għażiż ħija fi Kristu Shamir, jiena lilek ma nafekx, nafek biss permezz tal-Madonna għax jiena rajtek f'dak il-lejl qaddis u l-Madonna qaltli li flok dan id-deni kollu li jmur kontra r-rieda t'Alla inti tista' tagħmel ħafna ġid.

Il-Madonna ma trid li tiċċarċar ebda taqtira demm... Jiena oħtok fi Kristu Ġuża, nitolbok biex tbiddel ħajtek u tikkonverti lejn il-Mulej. Kienet il-Madonna li qaltli biex nibgħatlek dan il-kliem kif ukoll il-fotografija tagħha u kun af li dana miraklu tal-Madonna għax hija tħobbok ħafna kemm lilek kif ukoll lil dawk kollha li qegħdin jaħqru lil tant innoċenti f'kundizzjoni ta' gwerra. Jiena ili ħafna nitlob għalik biex mhux talli tikkonverti inti u oħrajn miegħek iżda ssiblek post il-Ġenna bħalma nispera li ssib lili. Oħtok fi Kristu, Ġuża Mifsud."...

*(Ikompli f'ħarġa oħra)*

# SILTIET MID-DISKORSI TA' ĠUŻA MIFSUD

## JANNAR 1995

"F'kuntatt li kelli ma' Ġesù ta' l-Ewkaristija nhar il-Ġimgħa li għaddiet. Dana qalli li jisgħobbih ħafna għad-dlam li hawn fid-dinja, anka f'Malta. Tant tahielna sabiħa t-tarbija divina l-Mulej Alla li ftit ilu għadna kemm fakkarna t-twelid tagħha. Dana Ġesù huwa l-prinċep tal-paċi u għandna nistmawh tajjeb fl-Ewkaristija. Il-Mulej Ġesù qiegħed jisgħobbih ħafna li m'aħniex nistmawh bħala l-prinċep tal-paċi, il-prinċep ta' l-imħabba, il-prinċep tal-ħniena. Jiena ngħid għalija lil Ġesù nistmaħ b'ħafna affarijiet għaliex miegħi u ma' kulħadd jagħmel ħafna affarijiet sbieħ.

Nitolbu ħafna lil Ġesù ta' l-Ewkaristija biex jevitalna dan id-dlam, dan in-nuqqas ta' fidi li hawn f'Malta. Jiena minn dan Ġesù naf li hawn dan id-dlam f'Malta għaliex m'aħniex nistmawh kif suppost fl-Ewkaristija.

Għal dan qed jisgħobbih kemm Ġesù u anka l-Madonna. Kemm qed jisgħobbiha l-qalb tas-Sinjura tal-Ħajja flimkien ma' dik ta' binha għal dawn id-diżastri li qegħdin isiru fid-dinja. Smajtha tgħidli, 'Binti, kemm jiddispjaċini meta nara dawk il-katavri maħruqa jinġabru fil-karretti. Itlob għal dawn in-nies u ġiegħel lil min jitlob għax qalbi tittertaq bihom dawn l-affarijiet meta nara aħwa joqtlu lill-aħwa. Jisgħobbini li Ġesù mhux qiegħed ikun stmat fit-tabernakli tad-dinja anka mill-istess nies li kkonsagraw ħajjithom lil Alla u wara xi żmien jibdew jimxu wara l-kurrent tad-dinja.'

Il-Mulej Ġesù fl-Ewkaristija huwa l-prinċep tal-paċi, il-prinċep ta' l-imħabba t'Alla, l-għaxqa tas-sema u l-art għal dawk li huma ta' rieda tajba. Il-maħbub Ġesù smajtu jgħidli, 'Kulħadd jitkellem fuq il-paċi imma ħadd ma verament jirreferi għall-paċi għax lil kbir Alla ma jsemmuhx u lanqas lili.' Infaħħru lit-tliet persuni tas-Santissima Trinita' flimkien mal-Madonna biex jitfgħu il-ħarsa tagħhom fuq id-dinja kollha għaliex huma li jridu jagħtuna l-vera paċi."

## FRAR 1994

Ġuża tgħid, "Illum il-ġurnata hija l-Erbgħa illi għandna 16 mix-xahar ta' Frar tas-sena 1994... Meta jiena bdejt naħseb fuq il-passjoni ta' Kristu, ftit wara bdew jiġuni ħafna affarijiet koroh, uċuħ koroh, jaħasra!... Lill-Mulej Ġesù jiena għidtlu:'Mulej Ġesù, jiena llum qegħda nbati aktar mill-bieraħ, imma rrid inbati ma' dik it-tbatija li batejt Inti fl-Ort taż-Żebbuġ.' Għidtlu, 'Noffriha lill-Missier Etern għall-maħfra tad-dnubiet tal-midinbin u għal dawk li ma humiex jagħrfu lil Alla, li huma bogħod minn Alla biex joqorbu lejn il-fidi...' Imbagħad meta kont qegħda nitkellem mal-Mulej Ġesù, rajt lil Ġesù jbati b'dik il-kuruna tax-



xewk, beda jagħraq għaraq tad-demm, beda jbati ħafna.

Qalli, 'Ara għalfejn trid tbati inti. Jiena ħadt il-passjoni li kienet lesta għalija minn Missieri, mill-Missier Etern. Jiena tlabt u inti tlabt ukoll biex il-Mulej jitfa' l-ħarsa Tiegħu kerha fuqek u jitfagħha sabiħa fuq il-midinbin u dana hekk kien fuqek ukoll.' U jiena tant bdejt nara ħafna uċuħ ta' nies... Għall-ewwel ħsibtu x-xitan qed jittantani permezz tal-viżjoni, imma Ġesù qalli, 'Dawk nies fid-dnub il-mejjet li huma 'l bogħod mis-sagramenti, f'Malta dawn."...

## MARZU 1993

"Ħuti maħbubin, il-paċi f'kull art u f'kull rokna tad-dinja trid il-Madonna... Għalhekk intom irġiel ta' rieda tajba, nisa, żgħażagħ, tfajliet, ġuvintur, tfal, bniet u subien, niġbdu ħabel wieħed taħt il-bandiera ċelesti tal-Madonna u taħt il-kondizzjoni tal-mexxej tagħna, il-qdusija tiegħu il-Papa, flimkien ma' l-Isqfijiet tagħna, flimkien mal-politikanti. Għall-Mulej aħna lkoll aħwa u m'għandux ikun hemm mibegħda u ġlied u mrar f'qalbna.

Fl-evanġelju, is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu qal illi jekk ma naħfrux aħna lill-għedewwa tagħna anqas jista' u għandu dritt jaħfrilna l-Mulej Alla. Biex jaħfrilna l-Mulej Alla flimkien ma' Ibnu Ġesù rridu naħfru aħna lill-għedewwa tagħna mingħajr ebda kundizzjoni ta' xejn. Jekk ma' naħfrux lill-għedewwa tagħna minn qalbna, lanqas għandna dritt li nitolbu maħfra mingħand Alla...

Nissieħbu ma' l-għedewwa tagħna bis-sabar u ngħinuhom biex Alla jkun jista' jgħin lilna u jagħtina l-paċi, dik il-paċi li jaf jagħtina Alla biss, il-paċi li ġejja mir-ruħ, il-pa'i li ġejja mill-qalb u għalhekk noffru din l-imħabba tal-maħfra tagħna għall-imħabba t'Alla, għall-imħabba tal-proxxmu.

Nitolbu ħafna għall-midinbin Maltin u għal midinbin tad-dinja kollha għaliex il-Mulej itella' x-xemx fuq it-tajbin, itella' x-xemx fuq il-ħżiena, ixarrab l-art bix-xita fuq it-tajbin u jxarrab l-art ukoll bix-xita fuq il-ħżiena u għalhekk għandna għalfejn nitolbu ħafna għall-bżonnijiet ta' ħutna midinbin, ta' ħutna għedewwa tagħna.

Ħa nerġa' nsemmi l-paċi kif jaf jagħtiha Alla mis-sema: il-paċi f'Malta u Għawdex tagħna, il-paċi ħa nerġa' ntenni fuq dawk ir-rappreżentanti ta' Malta tagħna. Nibdew mill-Awtorita' tal-Knisja, miż-żewġ partiti... Ma noqogħdux niġġieldu biex ma jkollniex mibegħda u nkwiet bejnietna jaħasra. Dan il-ġlied għandu jinqata' darba għal dejjem ħalli veru tibda l-paċi minn pajjiżna kif irreferitli l-Madonna u nitolbu ħafna biex Alla jsaħħilna l-fidi bħalma konna fil-passat."...

# GRAZZJI MAGĦLUGĦA

**V. Grixti minn Birzebbuġa** kitbet hekk: Pubblikament nirringrazzja lil Alla tal-grazzja kbira li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' Ġuża Mifsud.
Xi ftit ġimgħat ilu, r-raġel ta' binti ntefħulu xi tliet glandoli f'għonqu. Meta mar għand it-tabib, dan deher inkwetat ħafna. Ordnalu xi pinnoli u qallu li jekk sa tlett ijiem wara ma jinżlux, biex jerġa' jmur għandu biex mill-ewwel jibdew xi testijiet.
Tlabt lill-Madonna u lil Ġuża. Kif beda jieħu l-pinnoli dawn il-glandoli bdew neżlin. It-tabib deher ferħan ħafna għax setgħu kienu sintomi ta' xi ħaġa wisq serja.
Madonna, Omm ħanina, nirringrazzjak minn qalbi ta' dak kollu li tagħmel magħna.

**Karmena Mallia mis-Siġġiewi** kitbet li xi erbatax-il sena ilu marret għand Ġuża. Din ma fetħitilhiex iżda ttawlet mit-tieqa u lil Karmena qaltilha, "Mur Karm, għax int diġa' qlajt il-grazzja." Meta waslet id-dar sabet li dan kien kollu minnu.

**E. Carabott minn B'Kara** kitbet: Nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni tal-grazzja li qalgħetli mingħand Ġesù. Kont qtajt qalbi li sejra t-tour minħabba l-maltemp li għamel. Nirringrazzja lill-Madonna li ħelsitni minn diżgrazzja li setgħet ġratli waqt it-tour.

**G. Debrincat minn Għawdex** kitbet: Min jerħi ruħu f'idejn il-Madonna bl-interċessjoni tal-qaddisin, kif hi Ġuża Mifsud, tara l-mirakli b'għajnejk. Wara l-operazzjoni, li għal grazzja t'Alla rnexxiet, sibt ruħi ma nistax nitħarrek. Xtaqt ħafna li ma ndumx l-isptar peress li ħallejt żewġt itfal warajja d-dar. Ġara li jumejn wara li għamilt l-operazzjoni, filgħodu kmieni ħassejt qawwa kbira u determinazzjoni li rrid nimxi biex inkun nista' mmur lura d-dar.
Hekk ġara, bl-għajnuna ta' nurse ippruvajt inqum mis-sodda u fi ftit ħin sibt li stajt nimxi. Żgur li kien it-talb li tlabtu għalija l-Girgenti u talb ieħor li kelli bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud li seħħ malajr dak li kont xtaqt. Filfatt dakinhar stess, dak li għamilli l-operazzjoni tani l-permess li mmur lura d-dar.

**J. Grech minn Għawdex** tirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-grazzja li qalgħet li t-tfal għaddew mill-eżamijiet.

**J. Mejlaq** tirringrazzja lill-Madonna li n-neputija tagħha ma kellhiex mard serju iżda biss infezzjoni.

**N.N.** tirringrazzja lill-Madonna li bintha ħadet riżultat tajjeb.

**C. Borda** tirringrazzja lill-Madonna għal grazzja li qalgħet.

**Il-familja Buhagiar** tirringrazzja lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud tal-grazzja li qalgħet li t-tifla għaddiet mill-eżamijiet kollha.

**Mons. A. Buontempo** jirringrazzja lill-Madonna li wara tliet xhur irtirat id-dar, bit-tobba u n-nurses ġejjin u sejrin, fil-5 ta' JANNAR 2002 tela' l-Girgenti sabiex jiżżi ħajr lill-Madonna.

**G. Bonello mis-Siġġiewi** kitbet: O Madonna tal-Girgenti nirringrazzjak tal-grazzja li tajtni tar-riżultat tad-demm għax kollox mar sew. Grazzi Madonna ta' kemm għamilt miegħi.

## Talba

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*